31998R1551

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1551/98

tas-17 ta' Lulju 1998

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 293/98 li jistabbilixxi l-avvenimenti operattivi li japplikaw għall-prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel u b'mod parzjali għall-pjanti ħajjin u l-prodotti tal-florikultura u għal ċerti prodotti stabbiliti fil-lista f'L-Anness II mat-Trattat tal-KE

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNTAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità tal-kontijiet u l-iskala tal-kambju li jridu jiġu applikati għall-għanijiet tal-politika komuni agrikola [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 150/95 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 293/98 [3] jistabbilixxi l-avvenimenti operattivi li japplikaw għall-prodotti fis-settur tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel u għall-prodotti pproċessati mill-frott u mill-ħxejjex ta' l-ikel;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1524/98 tas-16 ta' Lulju 1998 li jistabbilixxi regoli ddettaljati sabiex jiġu applikati l-miżuri speċifiċi adottati rigward il-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel, il-pjanti u l-fjuri għall-benefiċċju tad-dipartimenti Franċiżi lil hemm mill-baħar (DFLHB) [4] jieħu post ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 489/97 [5] u jimplimenta miżuri ta' għajnuna għall-provvista u l-proċessar riferiti f'L-Artikoli 2 u 14 rispettivament tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3763/91 [6], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2598/95 [7]; billi għandhom jiġu stabbiliti l-avvenimenti operattivi għal dawn il-miżuri u r-Regolament (KE) Nru 293/98 jiġi aġġustat kif xieraq;

Billi l-avveniment operattiv għall-għajnuna għall-provvista riferita fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91 huwa stabbilit fl-Artikolu 3(8) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 131/92 [8], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1736/96 [9]; billi, madankollu, il-konċessjoni ta' din il-għajnuna hija bla ħsara għal depożitu ta' garanzija; billi l-ammont ta' din il-garanzija huwa ffissat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1524/98; billi għandu jiġi stabbilit illi l-avveniment operattiv f'dan il-każ jaħbat fil-jum li fih tiġi ssottomessa l-applikazzjoni għal ċertifikat ta' għajnuna;

Billi l-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91 jipprovdi għal għajnuna għall-proċessar tal-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel; billi l-ħlas tal-għajnuna lill-proċessur huwa bla ħsara għall-ħlas ta' prezz minimu lill-produttur u għall-konklużjoni tal-kuntratti tal-proċessar bejn il-produtturi u l-proċessuri; billi l-għajnuna hija mħallsa għall-kwantità tal-prodotti mwassla skond il-kuntratt imsemmi; billi, għalhekk, mogħti n-numru kbir ta' l-operaturi interessati, skond l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KEE) Nru3813/92 u li jidderoga minn l-Artikolu 10(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1068/93 [10], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 961/98 [11], l-avveniment operattiv għar-rata agrikola tal-kambju għandha tiġi ffissata għall-ewwel jum tax-xahar tat-teħid tal-prodotti mill-proċessur, kif attestat mid-dokumenti ta' appoġġ riferiti fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1524/98;

Billi l-avvenimenti speċifiċi operattivi pprovvduti f'dan ir-Regolament jissodisfaw il-kriterji ta' l-applikabbiltà, ix-xebħ, il-koerenza, il-prattikabbiltà u l-effettività stabbiliti fl-Artikolu 6(2)(a), (b), (ċ) u (d) tar-Regolament (KEE) Nru 3813/92;

Billi l-miżuri pprovvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni konġunta tal-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Frott u l-Ħxejjex ta' l-Ikel, il-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Prodotti Pproċessati mill-Frott u mill-Ħxejjex ta' l-Ikel u mill-Kumitat tal-Ġestjoni tal-Pjanti Ħajjin,

ADOTTAT DAN IL-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 293/98 huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. il-paragrafi eżistenti 1, 2, 3 u 4 huma mogħtija n-numri l-ġodda ta' 2, 3, 4 u 6 rispettivament;

2. jiddaħħlu l-paragrafi 1 u 5 li ġejjin:

"1. L-avveniment operattiv għar-rata agrikola tal-kambju li tapplika għall-garanzija pprovvduta fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 1524/98 għandu jkun il-jum tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni għal ċertifikat ta' għajnuna."

"5. L-avveniment operattiv għar-rata agrikola tal-kambju li tapplika għall-għajnuna għall-proċessar iprovvduta fl-Artikolu 14 tar-Regolament (KEE) Nru 3763/91 għandu jkun l-ewwel jum tax-xahar tat-teħid tal-prodotti mill-proċessur, kif attestat bid-dokumenti ta' appoġġ riferiti fl-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1524/98.";

[1] ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[2] ĠU L 22, tal-31.1.1995, p. 1.
[3] ĠU L 30, tal-5.2.1998, p. 16.
[4] ĠU L 201, tas-17.7.1998, p. 29.
[5] ĠU L 76, tat-18.3.1997, p. 6.
[6] ĠU L 356, ta' l-24.12.1991, p. 1.
[7] ĠU L 267, tad-9.11.1995, p. 1.
[8] ĠU L 15, tat-22.1.1992, p. 13.
[9] ĠU L 225, tas-6.9.1996, p. 3.
[10] ĠU L 108, ta' l-1.5.1993, p. 106.
[11] ĠU L 135, tat-8.5.1998, p. 5.

3. fil-paragrafu 2, il-kliem 'L-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 489/97' jiġi mibdul bil-kiem 'L-Artikolu 22(2) tar-Regolament (KE) Nru 1524/98.
4. fil-paragrafu 3, il-kliem 'L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 489/97' jiġi mibdul bil-kliemi 'L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1524/98
5. fil-paragrafu 4, il-kliem 'L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 489/97' jiġi mibdul bil-kliem 'L-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1524/98

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda' japlika b'effett mill-1 ta' Lulju 1998.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 1998.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tak-Kummissjoni